KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.12.2008
KUMM(2008) 821 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-PREZZIJIET TAL-IKEL FL-EWROPA

{SEC(2008) 2970}
{SEC(2008) 2971}
{SEC(2008) 2972}

(preżentata mill-Kummissjoni)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-PREZZIJIET TAL-IKEL FL-EWROPA

1. INTRODUZZJONI

Matul it-tieni nofs tal-2007, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli aċċelleraw b'rata mgħaġġla u sal-bidu tal-2008 laħqu livelli eċċezzjonali. Din l-isplużjoni fil-prezzijiet wasslet għal żieda rapida fil-prezzijiet tal-ikel għall-konsumaturi, li naqqset il-kapaċità tal-akkwist domestiku fl-UE b'madwar wieħed fil-mija. Il-familji bi dħul baxx intlaqtu saħansitra agħar.

Bi tweġiba, il-Kummissjoni[1] pproponiet li tissorvelja aħjar l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-ikel u ta' komoditajiet agrikoli; tanalizza l-impatt ta' spekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli; u tinvestiga l-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2008 talab lill-Kummissjoni biex sa Diċembru tirrapporta lura dwar dawn il-kwistjonijiet. Din il-Komunikazzjoni hija tweġiba għal din it-talba.

Il-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli naqsu f'daqqa matul ix-xhur li għaddew. Madankollu, il-kawżi strutturali taż-żieda riċenti fil-prezzijiet, bħat-tkabbir fid-domanda globali għall-ikel u t-tnaqqis fit-tkabbir tal-produttività tar-raba' kkultivata għall-ikel, għadhom preżenti Biex jinżamm il-bilanċ fil-provvista u d-domanda globali għall-ikel, jinħtieġu sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li l-produzzjoni agrikola twieġeb għas-sinjali tas-suq u għandha tiġi promossa politika ta' kummerċ miftuħ. Billi approvat l-Eżami tas-Saħħa tal-PAK, l-Unjoni Ewropea ħadet passi deċiżivi biex tiffaċilita r-reazzjonijiet tal-bdiewa għall-kundizzjonijiet tas-suq dejjem jinbidlu. Barra minn hekk, ir-Round ta' Doha tat-taħdidiet kummerċjali tad-WTO jimmira li jiftaħ is-swieq agrikoli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-inċentivi u l-għajnuna biex jiżdied il-potenzjal ta' produzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu wkoll jikkontribwixxu għaż-żieda fis-sigurtà globali tal-ikel.

Fl-istess waqt, hemm tħassib akbar rigward tqawwija mill-ġdid tal-volatilità tal-prezzijiet. Il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli kienu akkumpanjati minn żieda qawwija fil-flussi ta' investiment f'derivattivi finanzjarji relatati. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar ir-rwol li l-ispekulazzjoni kellha fl-iffissar tal-prezzijiet u jekk seħħewx allinjamenti ħżiena mis-sisien ekonomiċi. Tinħtieġ sorveljanza kontinwa tas-swieq tal-komoditajiet agrikoli, biex jiġi evalwat kif il-volatilità eċċessiva u l-ħolqien ta' akkumulazzjoni kbira ta' pożizzjonijiet spekulattivi jistgħu jiġu evitati bl-aħjar mod fid-dawl tal-ħsara li dawn jistgħu jikkawżaw.

Fl-isfond tat-tnaqqis fir-rata tat-tkabbir ekonomiku, huwa importanti aktar minn qatt qabel li jkun żgurat li ċ-ċaqliq 'l isfel fil-prezzijiet tal-komoditajiet jiġi trażmess lill-konsumaturi mingħajr dewmien u li tiżdied il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura, l-ipproċessar tal-ikel u d-distribuzzjoni. Dan huwa kompletament fl-ispirtu tal-Pjan ta' Fejqan tal-Ekonomija Ewropea mressaq mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2008, li jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stimulata malajr id-domanda kif ukoll tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji. Biex jintlaħaq dan l-għan, jinħtieġ li jiġu identifikati u solvuti l-problemi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel f'termini ta' regolamentazzjoni u kompetizzjoni.

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Nindirizzaw l-isfida tal-prezzijiet tal-ikel dejjem jogħlew – Direzzjonijiet għal azzjoni tal-UE", COM(2008) 321

Din il-Komunikazzjoni hi organizzata kif ġej. It-Taqsima 2 tirrevedi l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli u tagħti perspettiva għall-medda medja ta' żmien. Il-kontribuzzjoni tal-ispekulazzjoni lill-iżviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli hija analizzata fit-Taqsima 3. It-Taqsima 4 tinvestiga l-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. It-Taqsima 5 tistabbilixxi pjan ta' direzzjoni biex jiġu rrimedjati l-problemi identifikati u t-Taqsima 6 tinkludi l-konklużjonijiet.

2. L-IŻVILUPPI FIL-PREZZIJIET TAL-IKEL U TAL-KOMODITAJIET AGRIKOLI

2.1. L-iżviluppi fil-prezzijiet tas-suq tal-prodotti agrikoli

L-isplużjoni fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli rriżultat minn taħlita ta' fatturi strutturali u temporanji. Il-fatturi strutturali bħal tkabbir tal-popolazzjoni mondjali, żieda fid-dħul f'ekonomiji emerġenti u l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda fis-suq ikkontribwew għal żieda gradwali fid-domanda dinjija. Il-provvista globali ma kinitx kapaċi żżomm il-pass minħabba tnaqqis fit-tkabbir tar-rendiment tar-raba' kkultivata għall-ikel u l-karatteristiċi tas-swieq agrikoli dinjin li huma sottili u tipikament ristretti mill-istaġjonalità tal-produzzjoni. Barra minn hekk, iż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni, dovuta *inter alia* għal żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, b'effett fuq il-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli. L-impatt ta' dawn il-fatturi strutturali ġie amplifikat minħabba tnaqqis kbir fil-produzzjoni li rriżulta mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp u r-restrizzjonijiet kummerċjali imposti minn bosti pajjiżi esportaturi. L-iżviluppi fir-rati tal-kambju, l-attività spekulattiva li qed tiżdied fis-swieq tad-derivati tal-komoditajiet u r-relazzjoni mill-qrib bejn is-swieq agrikoli u swieq oħra tal-komoditajiet, bħalma hu s-suq taż-żejt, affettwaw ukoll l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli. Il-kontribuzzjoni ta' dawn il-fatturi differenti tvarja bejn is-setturi. Pereżempju, it-tibdil fil-prezzijiet tal-qamħ u tar-ross huwa fil-biċċa l-kbira attribwit għal fatturi min-naħa tal-provvista filwaqt li s-swieq tal-qamħirrum u tas-sojja ġew xprunati prinċipalment minn tkabbir qawwi fid-domanda globali kemm għall-konsum tal-laħam kif ukoll għal użu industrijali.

Il-prezzijiet tal-komoditajiet naqsu f'daqqa matul l-aktar xhur riċenti u reġgħu lura għal livelli simili ta' dawk qabel iż-żidiet drastiċi fil-prezzijiet, jew saħansitra aktar baxxi minnhom. Barra minn hekk, l-inċertezza ekonomika globali tqajjem tħassib dwar il-possibbiltà ta' tqawwija mill-ġdid tal-volatilità tal-prezzijiet. L-effett ta' xi wħud mill-fatturi li amplifikaw, fuq terminu qasir, iż-żieda fil-prezzijiet agrikoli matul it-tieni nofs tas-sena l-oħra naqas minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp aktar favorevoli, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, it-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-provvista globali wieġbet malajr u bil-qawwa għal prezzijiet ogħla, sostnuti mil-laxkar tar-ristrezzjonijiet tal-produzzjoni fil-PAK, b'mod partikolari s-sospensjoni tas-serħan obbligatorju ta' art li tinħarat u ż-żieda fil-kwoti tal-ħalib mill-2008 'l quddiem. Pereżempju, hu mbassar li l-produzzjoni dinjija tal-qamħ tkun laħqet ċifra rekord fl-2008 li twassal għal tnaqqis konsiderevoli fil-prezzijiet tal-qamħ.

2.2. L-iżviluppi fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli għall-konsumatur

Billi l-komoditajiet agrikoli jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir tal-ispejjeż ġenerali tal-produzzjoni tal-ikel, il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur żdiedu aktar bil-mod mill-prezzijiet agrikoli. Pereżempju, l-ispiża tal-qamħ f'ħobża tirrappreżenta bħala medja anqas minn 10 % tal-prezz finali tal-konsumatur.

Madankollu, iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur matul is-sajf tal-2007 u sal-bidu tal-2008 kienet sinifikanti. Flimkien maż-żidiet fil-prezz taż-żejt, iċ-ċaqliq fil-prezzijiet internazzjonali tal-komoditajiet agrikoli kellu impatt kbir fuq l-inflazzjoni fl-UE matul l-aħħar sena. Minn Awwissu 2007 sa Lulju 2008 l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel (minbarra l-alkoħol u t-tabakk) kienet tirrappreżenta madwar 1,0 punt perċentwali (pp.) tal-inflazzjoni totali. Dan il-kontribuzzjoni tista' tiġi attribwita fil-biċċa l-kbira għall-iżviluppi fil-prezzijiet fil-kategorija ta' ikel ipproċessat (l-aktar minħabba prodotti "fuq bażi ta' ħobż u ċereali oħra" kif ukoll prodotti tal-"ħalib").

Jidher li d-differenzi osservati fl-iżviluppi tal-prezzijiet bejn ikel ipproċessat u mhux ipproċessat huma dovuti għal effetti ta' "kompożizzjoni". Il-kategorija "Ikel ipproċessat" tinkludi prodotti tal-ikel li huma manifatturati fuq il-bażi ta' komoditajiet l-aktar milquta miż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali, b'mod partikolari ċ-ċereali u l-prodotti tal-ħalib. L-ispejjeż tad-dħul għall-kategorija "ikel mhux ipproċessat" – inkluż il-laħam u l-ħut – żdiedu ħafna inqas. Barra minn hekk, iż-żidiet f'daqqa fil-prezzijiet tal-karburant seta' kellhom effett akbar fuq il-prezzijiet tal-ikel ipproċessat.

Il-kontribuzzjoni tal-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel għall-inflazzjoni ġenerali tvarja fost l-Istati Membri bl-akbar kontribuzzjonijiet irreġistrati għall-Istati Membri ġodda. Partijiet minn din il-varjazzjoni jistgħu jiġu spjegati mid-differenzi fil-piż tal-ikel fin-nefqa tal-konsumaturi, li hi tipikament ogħla f'pajjiżi li għandhom PGD *per capita* aktar baxx. Is-16 % tal-Ewropej li jgħixu taħt il-limitu tal-faqar jidhru li huma l-aktar milquta miż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel, għax l-għażla tagħhom ta' prodotti tal-ikel hija limitata u għax in-nefqa fl-ikel tirrappreżenta parti sinifikanti mill-baġit tagħhom.

2.3. Perspettiva għas-swieq agrikoli u l-prezzijiet tal-ikel

It-tnaqqis f'daqqa fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli matul l-aħħar xhur hu mbassar li jiġġenera twaqqigħ fl-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel u tnaqqis sinifikanti fil-kontribuzzjoni tal-prezzijiet tal-ikel għall-inflazzjoni ġenerali matul is-sentejn li ġejjin. Dan jissuġġerixxi li l-kontribuzzjoni tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel għall-inflazzjoni ġenerali fl-UE se tinnormalizza matul l-2009, bl-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel tikkontribwixxi madwar 0,6 pp. għall-inflazzjoni ġenerali fl-UE fl-2009 u 0,5 pp. fl-2010.

Minkejja l-inċertezza kbira li qed tolqot l-iżviluppi futuri tal-prezzijiet, il-fatturi strutturali bħat-tkabbir fid-domanda globali tal-ikel, l-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda fis-suq u t-tnaqqis fit-tul fit-tkabbir tal-produttività tar-raba' kkultivata għall-ikel x'aktarx li jżommu l-prezzijiet fuq medda medja ta' żmien. Dan se jagħti inċentivi biex tiżdied il-produzzjoni tal-ikel, inkluż fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-prezzijiet huma wkoll mistennija li juru varjazzjonijiet akbar minn dawk osservati matul l-aħħar deċennji waqt li l-livelli ta' stokks jibqgħu relattivament limitati. B'riżultat ta' dan, kull tibdil sinifikanti għall-provvista u d-domanda jista' jirriżulta malajr f'volatilità ogħla tal-prezzijiet.

Kapaċità mtejba biex tiġi aġġustata l-produzzjoni permezz ta' orjentazzjoni akbar lejn is-suq flimkien ma' sistemi ta' sikurezza adegwati hija strumentali biex tiġi ffaċilitata r-reazzjoni tal-bdiewa għal kundizzjonijiet tas-suq aktar volatili. Billi approvat l-Eżami tas-Saħħa tal-PAK, l-Unjoni Ewropea ħadet passi deċiżivi f'din id-direzzjoni, partikolarment bl-abolizzjoni ta' serħan tal-art li tinħarat, it-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-ħalib u l-konverżjoni tal-intervent fis-suq f'sistema ta'

sikurezza ġenwina. Dan se jgħin lill-produtturi tal-agrikoltura biex iwieġbu aħjar għas-sinjali tas-suq u biex jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda.

2.4. Iż-żieda fil-produzzjoni globali u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ

Biex tibbilanċja mill-ġdid il-provvista u d-domanda globali għall-ikel, il-produzzjoni agrikola għandha twieġeb għas-sinjali tas-suq u għandha tkun imħeġġa politika ta' kummerċ miftuħ. Ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet agrikoli imposti minn xi pajjiżi matul is-sena l-oħra għamlu aktar ħsara milli ġid għaliex qatgħu s-sinjali tas-suq u żammew lill-bdiewa milli jipproduċu aktar biex ilaħħqu mad-domanda dejjem tikber. Ir-Round ta' Doha tat-taħdidiet kummerċjali tad-WTO jwiegħed li jiftaħ is-swieq agrikoli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE għadha marbuta li tilħaq ftehim dwar eżitu ambizzjuż u bbilanċjat tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha u se twettaq kontribuzzjonijiet pożittivi biex tikseb tali eżitu.

Biex jiżdied il-potenzjal ta' produzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, huwa essenzjali li jitjieb l-ambjent tan-negozju tal-bdiewa, pereżempju permezz ta' aċċess aħjar għal krediti, dħul u tagħrif. Dan jeħtieġ investiment fl-infrastruttura rurali, kif ukoll riformi fil-politiki agrikoli, fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi ta' mmaniġġjar tal-art. Is-sigurtà tal-ikel fit-tul teħtieġ użu aktar sostenibbli tal-art u l-ilma, kif ukoll l-introduzzjoni ta' prattiki agrikoli adattati għal bidla fil-klima. Biex il-provvisti agrikoli jżommu l-pass max-xejriet tad-domanda globali fuq terminu itwal, l-isforzi kontinwi biex jissaħħaħ it-tkabbir tal-produttività fl-agrikoltura huma importanti wkoll, *inter alia* permezz tat-titjib fl-innovazzjoni u fir-riċerka tal-agrikoltura. L-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp se tappoġġja sforzi bħal dawn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan hu mistenni li jiġġenera reazzjoni pożittiva ta' provvista fuq il-medda medja sa dik twila ta' żmien.

Il-Kummissjoni Ewropea ħadet ukoll inizjattiva ewlenija billi pproponiet it-twaqqif ta' faċilità ta' reazzjoni f'waqtha ta' biljun[2]. Din il-faċilità, li mistennija tiġi approvata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fil-ġimgħat li ġejjin, se tiffoka fuq l-appoġġ ta' reazzjoni ta' provvista agrikola fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq it-terminu medju u fit-tul.

3. IR-RWOL TA' SPEKULAZZJONI FIL-PREZZIJIET TAL-KOMODITAJIET TAL-IKEL

Matul l-aħħar 10 snin, is-swieq finanzjarji għal komoditajiet agrikoli esperjenzaw tkabbir mingħajr preċedent kif jidher miż-żieda fil-likwidità, il-parteċipazzjoni akbar, il-konsolidazzjoni u l-ħolqien ta' pjattaformi ta' kummerċ elettroniku u skambji ġodda. Fl-istess waqt, il-firxa ta' strateġija mħaddma fil-kummerċ tal-komoditajiet twessgħet u ġew żviluppati prodotti derivattivi ġodda. Maż-żmien, l-interess tal-investituri f'dawn id-derivattivi kien qiegħed jikber.

Wieħed jista' jiddistingwi żewġ kategoriji ewlenin ta' parteċipanti fis-swieq għall-komoditajiet agrikoli futuri: atturi kummerċjali, li huma l-operaturi ewlenin involuti fix-xiri u fil-bejgħ ta' pożizzjonijiet fiżiċi, u investituri finanzjarji bħal fondi ta' kopertura, fondi ta' investiment u fondi sovrani. Filwaqt li l-ispekulazzjoni bbażata fuq is-sisien tas-suq tgħin biex tiffaċilita l-immaniġġjar tar-riskju u l-iffissar tal-prezz, iż-żieda konsiderevoli fl-attivitajiet ta' atturi mhux kummerċjali f'dawn l-aħħar snin żiedet ir-riskju ta' bżieżaq spekulattivi fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli futuri.

---

[2] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità ta' reazzjoni f'waqtha għall-prezzijiet tal-ikel dejjem jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, COM(2008) 450

Sa mill-bidu tal-2006 kien hemm żieda f'daqqa ta' flussi tal-investiment f'dawn is-swieq, kif jidher min-numru totali ta' kuntratti futuri pendenti miżmuma minn parteċipanti fis-suq. Minbarra ż-żieda f'daqqa fis-swieq tad-derivati tal-komoditajiet , sa mill-2007 kien hemm żieda sostanzjali (fl-ordni ta' 30 %) ta' attività derivattiva fis-suq OTC (over the counter) li hija inqas trasparenti mill-attività fl-iskambji tal-komoditajiet agrikoli. Id-dħul fis-suq għal komoditajiet agrikoli futuri jista' jirrifletti l-irtirar ta' investituri minn swieq oħra, partikolarment għal prodotti strutturati, li intensifikaw ferm bil-ħolqien tal-kriżi finanzjarja f'nofs l-2007. Simili għal dan, il-ħruġ mhux mistenni ta' investiment li sar dan l-aħħar mis-suq tal-komoditajiet agrikoli futuri jista' jindika bużżieqa spekulattiva li qed tinfaqa' hekk kif l-investituri kienu obbligati jsibu likwidità addizzjonali b'riżultat tal-kriżi finanzjarja ġenerali.

Madankollu, minħabba l-perjodu qasir, tista' tiġi stabbilita biss relazzjoni kwantitattiva dgħajfa bejn iċ-ċaqliq 'il fuq fil-prezzijiet futuri u l-prezzijiet immedjati. Minn eżami mill-qrib tal-firxiet bejn il-prezzijiet immedjati u l-prezzijiet futuri ta' 12-il xahar, ma joħroġx ċar li ż-żieda fil-prezzijiet futuri kellha t-tendenza li tgħolli aktar il-prezzijiet immedjati.

F'kull każ, f'dawn l-aħħar snin kien hemm diverġenza sostanzjali għal xi komoditajiet (partikolarment il-qamħ, is-sojja u l-qamħirrum) bejn il-prezzijiet immedjati u dawk futuri, li setgħet għamlitha ferm aktar diffiċli għall-operaturi kummerċjali li jużaw swieq futuri għal attivitajiet ta' kopertura tradizzjonali, billi qajmet mistoqsijiet dwar l-effiċjenza tas-swieq fil-kisba ta' opportunitajiet ta' kopertura u ta' ffissar tal-prezzijiet.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-koinċidenza tal-prezzijiet tal-komoditajiet dejjem jiżdiedu u ż-żieda f'daqqa tal-flussi tal-investiment f'derivattivi relatati hija impressjonanti, mhux l-evidenza analitika kollha tappoġġja l-fehma li l-ispekulazzjoni kellha rwol sinifikanti fil-proċess ta' formazzjoni tal-prezz. Għaldaqstant jidher li jkun xieraq li titkompla s-sorveljanza tas-swieq għall-komoditajiet agrikoli futuri fil-perjodu li ġej u li jiġi investigat b'mod attiv kif il-volatilità eċċessiva u l-ħolqien ta' akkumulazzjoni kbira ta' pożizzjonijiet spekulattivi jistgħu jiġu evitati bl-aħjar mod fid-dawl tal-ħsara potenzjali li dawn jistgħu jikkawżaw. Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li tieħu inizjattivi regolatorji f'dan il-qasam

4. IL-FUNZJONAMENT TAL-KATINA TAL-PROVVISTA TAL-IKEL

L-iżviluppi fid-domanda u l-provvista globali kienu fost il-fatturi ewlenin li ddeterminaw iż-żieda rapida osservata fil-prezzijiet tal-ikel. Madankollu, il-problemi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel, jew f'termini tal-livell ta' kompetizzjoni u jew rigward ir-regolamentazzjoni seta' kellhom rwol importanti wkoll. Fil-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali, huwa għaldaqstant partikolarment importanti li jiġi analizzat kif għandu jitjieb il-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel u, b'mod partikolari, kif wieħed jifhem aħjar il-mekkaniżmi ta' trażmissjoni li jgħaqqdu l-prezzijiet tal-komoditajiet mal-prezzijiet għall-produttur u għall-konsumatur. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati miżuri xierqa b'sostenn għall-kapaċità ta' akkwist tal-konsumatur u l-kompetittività tas-setturi involuti.

Il-katina tal-provvista tal-ikel tgħaqqad tliet setturi ekonomikament importanti: is-settur agrikolu, l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u s-setturi ta' distribuzzjoni. Dawn is-setturi jirrappreżentaw 6 % tal-valur miżjud tal-UE u 12 % tal-impjiegi tal-UE. Billi l-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u s-setturi ta' distribuzzjoni jikkooperaw ħafna ma' setturi oħra, il-funzjonament ħażin tas-suq tul il-katina tal-provvista tal-ikel jista' jkollu riperkussjonijiet sinifikanti. It-tkabbir kajman tal-produttività f'dawn is-setturi meta mqabbel mal-Istati Uniti jindika li hemm lok għal titjib fl-effiċjenza. Politika tal-kompetittività proattiva, bħal dik diskussa bħalissa mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija

Agroalimentari[3], inkluži politiki ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati permezz ta' Programmi ta' Qafas Komunitarji, jistgħu jikkontribwixxu għal dan it-titjib.

Il-ħasda kkawżata miż-żieda qawwija li seħħet fil-prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli u tal-enerġija ġiet assorbita b'mod differenti fost l-Istati Membri, kif muri mid-differenzi fiż-żidiet tal-prezzijiet nazzjonali tal-ikel. Dan jindika li s-suq tal-UE għall-prodotti tal-ikel għadu frammentat. Filwaqt li fi Franza, fil-Polonja u fir-Renju Unit, il-bidliet fil-prezzijiet tal-produttur segwew b'mod ġenerali l-bidliet fil-prezzijiet tad-dħul, għalkemm b'dewmien żgħir ta' żmien, dan mhuwiex eżattament il-każ fl-Istati Membri kbar l-oħra tal-UE, u jista' jirrifletti s-saħħa tan-negozjar ta' xi produtturi tal-ikel.

Jekk wieħed josserva s-swieq fl-aħħar tal-proċess, fl-Istati Membri ġodda, it-trażmissjoni taż-żidiet tal-prezzijiet tal-produttur lill-prezzijiet tal-konsumatur, ġeneralment saret aktar malajr. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fiż-żona euro ż-żidiet fil-prezzijiet tal-konsumatur bdew jaqgħu lura meta mqabbla mal-prezzijiet tal-produttur min-nofs l-2007 'il quddiem (ara l-figura 1). Dan jista' jindika li l-pressjonijiet kompetittivi fis-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-ikel fiż-żona euro assorbew xi ftit miż-żieda fil-prezzijiet tal-produttur. Jistgħu jiġu osservati differenzi simili fir-rigward tar-riġidità tal-prezzijiet. Fil-pajjiżi taż-żona euro, il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur jidhru li waqgħu pjuttost malajr wara t-tnaqqis riċenti fil-livelli tal-prezzijiet agrikoli filwaqt li fl-Istati Membri ġodda l-prezzijiet tal-konsumatur irreaġixxew aktar bil-mod.

Figura 1: Bidla fil-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur u għall-produttur



3 Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari, li jgħaqqad flimkien ir-rappreżentanti mill-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-industrija tal-ikel, is-settur agrikolu, il-bejjiegħa bl-imnut u l-konsumaturi, twaqqaf permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fit-28 ta' April 2008. Il-mandat tiegħu huwa li jeżamina kwistjonijiet li jolqtu l-kompetittività preżenti u futura tal-industrija agroalimentari Komunitarja u fuq bażi ta' dan jifformula rakkomandazzjonijiet speċifiċi għas-setturi indirizzati lil dawk li jfasslu l-politiki fil-livell Komunitarju

Sors: Eurostat. Awwissu 2007 – Lulju 2008 (bidla fuq bażi ta' sena b'sena).

Id-differenzi bejn il-pajjiżi fil-qafas regolatorju wkoll jidhru li jikkontribwixxu għall-frammentazzjoni tas-Suq Uniku tul il-katina tal-provvista tal-ikel u jxekklu l-funzjonament tiegħu. B'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet għad-dħul fuq il-bejjiegħa bl-imnut kbar setgħu wasslu għal prezzijiet ogħla u produttività aktar baxxa. Simili għal dan, ir-restrizzjonijiet ta' bejgħ inqas mill-ispiża kellhom it-tendenza li jistabbilixxu bażi minima tal-prezzijiet li tillimita l-kompetizzjoni tal-prezzijiet u żżid l-ispejjeż ta' mmaniġġjar tal-istokk, anki jekk dawn ir-regolamenti tfasslu prinċipalment biex igerrxu mġiba predatorja għad-detriment ta' operaturi tas-suq iżgħar. Madankollu, ir-regolamenti fuq il-ħinijiet ta' ftuħ jgħollu l-ispejjeż tal-bejjiegħa bl-imnut billi jillimitaw il-possibbiltà li jinbiegħu prodotti u billi jżidu l-ispejjeż operattivi, loġistiċi u infrastrutturali tal-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut kbar. Madnakollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn ir-regolamenti differenti setgħu tfasslu biex jinkisbu objettivi ta' politiki oħra li ma għandhomx jiġu injorati meta jiġi evalwat l-impatt globali tagħhom.

Jekk wieħed josserva l-ambjent kompetittiv, il-livell ta' saħħa tan-negozjar li jinżamm mid-ditti fis-setturi rispettivi tul il-katina jvarja skont il-kategorija tal-prodott. Il-produtturi tal-ikel li joffru (f'livell internazzjonali) prodotti bil-marka ġeneralment ikollhom pożizzjoni ta' negozjar aktar qawwija meta mqabbla mal-bejjiegħa bl-imnut minħabba l-istatus 'indispensabbli' ta' tali prodotti. Għall-kuntrarju, il-produtturi ta' prodotti mhux differenzjati, li l-marka tagħhom mhijiex daqshekk rikonoxxuta, x'aktarx li jkunu f'pożizzjoni ferm aktar dgħajfa.

In-nuqqas ta' simmetrija fir-rigward tas-saħħa ta' negozjar bejn il-produtturi agrikoli u l-bqija tal-katina tal-ikel, żamm il-marġnijiet tal-produttur fis-settur agrikolu taħt pressjoni qawwija. B'reazzjoni l-produtturi agrikoli adottaw firxa wiesgħa ta' strateġiji, inkluż il-ħolqien ta' gruppi u kooperattivi ta' produtturi, l-iżvilupp ta' arranġamenti kuntrattwali ma' proċessuri u bejjiegħa bl-imnut, u l-iżvilupp ta' prodotti ta' kwalità b'valur għoli miżjud, pereżempju permezz ta' parteċipazzjoni fi skemi volontarji ta' ċertifikazzjoni. Dawn l-iskemi huma utli għall-produtturi biex jiksbu bilanċ mill-ġdid tan-nuqqas ta' simmetrija tas-saħħa tan-negozjar fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll għall-konsumaturi u l-ambjent. Madankollu, in-nuqqas ta' għarfien reċiproku meħtieġ mill-bejjiegħa bl-imnut bejn xi wħud minn dawn l-iskemi, jista' joħloq ostakli għad-dħul jekk il-parteċipazzjoni f'diversi skemi tinvolvi piżijiet finanzjarji u amministrattivi eċċessivi, speċjalment għal produtturi fuq skala żgħira.

Qed isseħħ konsolidazzjoni tul il-katina tal-provvista tal-ikel kollha. Filwaqt li l-produzzjoni f'xi setturi tal-ipproċessar tal-ikel, bħal frott u ħxejjex ipproċessati, għadha mifruxa ħafna, f'setturi oħra, bħal lamtu, zokkor u prodotti tal-ħalib, din hija aktar ikkonċentrata. Is-settur tal-bejgħ bl-imnut huwa ddominat dejjem aktar minn bejjiegħa kbar tal-ikel u katini ta' bejgħ bl-imnut transkonfinali. Il-konsolidazzjoni tista' twassal għal kisbiet fl-effiċjenza bis-saħħa ta' ekonomiji ta' firxa u ta' skala, miksuba pereżempju permezz ta' spejjeż loġistiċi aktar baxxi, li jpoġġu pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet.

L-awtoritajiet responsabbli għall-kompetizzjoni fl-istess waqt għandhom jiżguraw li l-proċess kontinwu ta' konsolidazzjoni ma jwassalx biex il-kundizzjonijet tal-kompetizzjoni fil-bidu u fl-aħħar tal-proċess, fil-livell lokali, jmorru għall-agħar għad-detriment tal-konsumaturi u n-negozji. Numru ta' prattiki li jista' jistħoqqilhom li jiġu eżaminati aktar bir-reqqa, fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li dejjem jitqies il-kuntest li dawn iseħħu fih, huma:

- Il-kartelli huma restrizzjonijiet qawwija tal-kompetizzjoni. L-esperjenza riċenti turi li l-kartelli jistgħu jseħħu fis-settur tal-ikel u li jkopru territorju varju. Il-kartelli jikkostitwixxu mġiba antikompetittiva serja ħafna li ladarba tiġi identifikata għandha titqies bħala prijorità mill-infurzaturi.

- Id-daqs u n-numru ta' "alleanzi ta' xiri" fis-settur tal-ikel żdied b'mod konsiderevoli fl-UE kollha u dan wassal għal tħassib akbar espress mill-produtturi tal-ikel. Min-naħa, dawn il-ftehimiet jistgħu jwasslu għal kisbiet fl-effiċjenza minn ekonomiji ta' skala fi ħdan is-Suq Uniku. Min-naħa l-oħra, dawn jistgħu jintużaw bħala għodda biex ifixklu l-aċċess tar-rivali għal dħul essenzjali b'kundizzjonijiet kompetittivi u/jew għall-kompetituri biex jinvolvu ruħhom f'imġiba kollużiva fis-swieq fl-aħħar tal-proċess.
- F'livell vertikali, il-prattiki relatati maż-żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid jitqiesu bħala restrizzjonijiet qawwija tal-kompetizzjoni. Dawn il-prattiki li jillimitaw il-kapaċità tax-xerrej li jiddetermina l-prezz ta' bejgħ tiegħu jfissru li d-distributuri ma għadhomx jistgħu jikkompetu fuq il-prezz, u dan iwassal biex titnewħa għal kollox il-kompetizzjoni fuq il-prezz bejn il-marki.
- Ftehimiet vertikali oħra bħal obbligi ta' mmarkar uniku, li jesiġu li l-bejjiegħa bl-imnut ibiegħu prodott wieħed, u ċerti prattiki abbinati, li jagħmlu x-xiri ta' prodott suġġett għax-xiri ta' prodott ieħor, jista' jkollhom effetti favur jew kontra l-kompetizzjoni. F'termini ta' effetti negattivi, ir-riskji ewlenin għall-kompetizzjoni jkunu l-esklużjoni tas-suq għal forniturі kompetituri u potenzjali jew telf ta' kompetizzjoni bejn il-marki fil-ħwienet. Simili għal dan, iż-żieda fl-użu ta' prodotti b'tikketta privata mill-bejjiegħa bl-imnut tista' twassal għall-esklużjoni ta' forniturі kompetituri eżistenti u potenzjali. Din tista' tnaqqas in-numru ta' prodotti fuq l-ixkafef, u b'hekk tillimita l-għażla tal-konsumatur.
- Il-ftehimiet ta' provvista esklużiva, li jobbligaw lill-fornitur biex ibiegħ il-prodotti speċifikati fil-ftehim lil xerrej wieħed biss, jistgħu jwasslu għal esklużjoni ta' xerrejja/bejjiegħa bl-imnut oħra fi ħdan il-katina tal-provvista tal-ikel. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jissemmew bħala eżempju ta' arranġamenti li jistgħu jobbligaw indirettament lill-forniturі biex ibiegħu lil xerrej wieħed biss.

It-tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn il-prattiki deskritti hawn fuq, li jistgħu jqajmu tħassib rigward il-kompetizzjoni.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn il-prattiki ewlenin li jistgħu jqajmu tħassib rigward il-kompetizzjoni

Prattika	Deskrizzjoni	Riskju prinċipali għall-kompetizzjoni
Kartelli	Ftehimiet fost kompetituri relatati *inter alia* mal-iffissar tal-prezzijiet, ir-restrizzjoni tal-produzzjoni u d-diviżjoni tas-suq	Iż-żamma ta' prezzijiet għoljin u l-istagnar tal-innovazzjoni għad-detriment tal-konsumaturi. Il-kartelli jikkostitwixxu mġiba antikompetittiva serja ħafna.
Ftehimiet ta' xiri	Ftehimiet konkluži minn xerrejja kompetituri bl-għan li jixtru b'mod konġunt ċertu dħul	Taħt ċerti kundizzjonijiet, għodda biex jiġi eskluż l-aċċess tar-rivali għal dħul essenzjali b'kundizzjonijiet kompetittivi; imġiba kollużiva bejn il-kompetituri fuq is-swieq fl-aħħar tal-proċess
Żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid	Restrizzjoni tal-abbiltà tax-xerrej li jiddetermina l-prezz ta' bejgħ lill-konsumaturi aħħarija	Tnaqqis tal-kompetizzjoni tal-prezzijiet
Immarkar uniku	Obbligu jew skema ta' inċentivi li tħeġġeġ lix-xerrej jixtri prattikament dak kollu li jeħtieġ fuq suq partikolari minn fornitur wieħed biss, għal ċertu tul ta'	Possibbiltà ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn il-marki fil-ħwienet u/jew l-esklużjoni tas-suq għal forniturі kompetituri u potenzjali

	żmien	
Prodotti b'tikketta privata	Prodotti magħmula minn pajjiżi terzi fl-aħħar tal-proċess fil-katina ta' provvista u mibjugħa taħt il-marka tal-bejjiegħa bl-imnut	Possibbiltà ta' esklużjoni tal-prodotti kompetituri tal-forniturі restrizzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-marki fil-ħwienet
Xiri abbinat	Xiri ta' prodott (prodott prinċipali) suġġett għal xiri ta' prodott ieħor (prodott abbinat)	Possibbiltà ta' esklużjoni fis-suq tal-prodott abbinat u indirettament tal-prodott prinċipali
Ftehimiet esklużivi ta' provvista	Obbligu dirett jew indirett li jwassal lil fornitur biex ibiegħ prodott lil xerrej wieħed biss	Possibbiltà ta' esklużjoni ta' xerrejja / bejjiegħa bl-imnut oħrajn
Skemi ta' ċertifikazzjoni	Rekwiżit ta' konformità ma' għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti minn xerrejja individwali	Riskji potenzjali ta' esklużjoni ta' xerrejja kompetituri

5. PJAN TA' DIREZZJONI BIEX JITJIEB IL-FUNZJONAMENT TAL-KATINA TA' PROVVISTA

Jinħtieġ sforz konġunt fil-livelli nazzjonali, lokali u tal-Komunità biex jiġu implimentati kundizzjonijiet ta' qafas għal titjib fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. Dan l-isforz huwa neċessarju biex jiġi żgurat li l-integrazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-setturi tul il-katina tal-ikel jimxu id f'id mal-qligħ ġust tal-produtturi tal-agrikoltura, il-prezzijiet kompetittivi u l-kompetittività mtejba tal-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kif ukoll għażla akbar, aċċessibbiltà aħjar f'termini ta' nfiq u kwalità ogħla ta' prodotti tal-ikel għal konsumaturi Ewropej. Barra minn hekk, ir-restrizzjonijiet regolatorji mhux iġġustifikati li jżommu lura l-effiċjenza u jillimitaw il-kompetizzjoni, għandhom jitneħħew.

Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, din il-Komunikazzjoni tipproponi pjan ta' direzzjoni biex jitjieb il-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. Il-pjan ta' direzzjoni jinkludi varjetà ta' inizjattivi u għandu jevolvi maż-żmien hekk kif jissaħħaħ l-għarfien dwar il-katina tal-provvista tal-ikel. Dan għandu jibbenefika wkoll minn konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati rilevanti. Il-pjan ta' direzzjoni propost jikkonsisti f'erba' komponenti ewlenin.

5.1. Il-promozzjoni tal-kompetittività tal-katina tal-provvista tal-ikel

Politika ta' kompetittività proattiva tista' tgħin biex titjieb l-effiċjenza tul il-katina tal-provvista tal-ikel. Ir-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari mistennija fil-bidu tal-2009 għandhom jgħinu lill-katina tal-provvista tal-ikel biex ittejjeb il-kompetittività ġenerali tagħha u għaldaqstant ir-reżistenza tagħha għall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet.

5.2. Garanzija ta' nfurzar qawwi u koerenti tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur fis-swieq tal-provvista tal-ikel mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni u l-Konsumatur

Biex jiġu identifikati u indirizzati t-tipi kollha ta' prattiki antikompetittivi potenzjali li jistgħu jwasslu għall-funzjonament ħażin tal-katina tal-provvista tal-ikel, il-Kummissjoni, fil-kuntest tan-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni, se tissokta djalogu sostnut mal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, biex tiżgura l-infurzar koerenti u kkoordinat sewwa tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-UE kollha, għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropew. Fuq il-bażi tal-analiżi tal-iżviluppi fis-suq, l-investigazzjoni għandha tkun immirata lejn dawk ir-restrizzjonijiet ta'

kompetizzjoni u/jew prattiki speċifiċi li għandhom l-ogħla potenzjal li jxekklu l-kompetizzjoni għad-detriment tal-konsumaturi (ara t-tabella 1 għal lista mhux eżawrjenti).

Barra minn hekk, fi żmien ta' varjazzjoni qawwija fil-prezzijiet tal-ikel, jiżdied ir-riskju ta' reklamar qarrieqi tal-prezzijiet. Pereżempju, il-konsumaturi jistgħu jiġu żgwidati minn forituri li jbiddlu d-daqs jew il-kontenut tal-pakkett biex apparentament jinżamm l-istess prezz għall-prodott rilevanti. Huwa partikolarment importanti għall-konsumaturi li jkunu jistgħu jqabblu bir-reqqa l-prezz unitarju. L-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur għandhom għalhekk jagħtu attenzjoni partikolari lill-infurzar tad-Direttivi dwar il-prattiki kummerċjali inġusti u l-ipprezzar unitarju.

5.3. Reviżjoni fil-livell nazzjonali u/jew f'dak tal-UE, kif xieraq, ta' regolamenti li ġew identifikati bħala potenzjalment problematiċi għall-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel

Bosta tipi ta' regolamenti ġew identifikati bħala potenzjalment problematiċi. L-ewwel nett, ir-regolamenti li jillimitaw id-dħul ta' kumpaniji ġodda fis-suq għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa u jitneħħew fejn xieraq, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet ambjentali u soċjali tagħhom. Dan l-iskrining se jitwettaq fil-kuntest tas-sorveljanza tas-suq ta' bejgħ bl-imnut u t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi It-tieni, ir-regolamenti li jillimitaw il-kapaċità tan-negozji li jikkompetu fuq il-prezzijiet għandhom jiġu eżaminati f'livell nazzjonali. It-tielet, il-prattiki li jxekklu r-relazzjoni bejn il-forituri u l-bejjiegħa bl-imnut għandhom jiġu skoraġġiti. Dan huwa pereżempju l-każ għal ħlasijiet tard, tariffi eċċessivi jew mhux iġġustifikati mħallsa mill-forituri għal servizzi mogħtija minn bejjiegħa bl-imnut, u prattiki li jħajru lill-konsumaturi b'offerti qarrieqa. F'dan il-kuntest, l-introduzzjoni ta' kodiċijiet ta' kondotta tintlaqa' bħala espressjoni tar-responsabbiltà soċjali tal-bejjiegħa bl-imnut u l-kodiċijiet ta' kondotta nazzjonali għandhom jiġu riveduti. Fl-aħħar nett, u b'mod aktar ġenerali, ir-regolamenti dwar il-ħinijiet ta' ftuħ tal-ħwienet jista' jistħoqqilhom li jiġu eżaminati f'livell nazzjonali fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq il-prezzijiet tal-ikel, fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali u billi jitqiesu l-effetti soċjali u ambjentali.

5.4. L-għoti ta' tagħrif aħjar lill-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq permezz tat-twaqqif ta' sorveljanza Ewropea permanenti tal-prezzijiet tal-ikel u l-katina ta' provvista

Din l-għodda ta' sorveljanza għandha tinidirizza n-nuqqas ta' trasparenza tal-prezzijiet u ttejjeb l-għarfien tal-impatt tar-regolamentazzjoni tul il-katina tal-provvista tal-ikel.

Is-sorveljanza kontinwa tal-prezzijiet għall-produttur u għall-konsumatur ta' sett ta' prodotti għall-konsumatur magħżula u komparabbli tiżvela d-differenzjali tal-prezzijiet fl-Ewropa u tgħin biex jiġu identifikati każijiet ta' frammentazzjoni tas-suq. Jidher li hemm nuqqas ta' tagħrif komparabbli suffiċjenti dwar il-prezz u l-kwalità li permezz tiegħu l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet informati aħjar. F'dan il-kuntest, il-proġett bi prova li bħalissa qed jitmexxa mill-Eurostat u mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika biex tinġabar dejta dettaljata dwar il-prezzijiet għall-konsumatur għandu jiġi vvalutat u żviluppat.

Fi ħdan il-qafas tal-eżerċizzju tagħha ta' sorevljanza tas-suq, il-Kummissjoni qed tirrevedi r-regolamenti li għandhom impatt fuq il-funzjonament tas-swieq ta' bejgħ

bl-imnut. Il-kwistjonijiet identifikati hawn fuq x'aktarx li jaffettwaw is-sottosetturi ta' bejgħ bl-imnut għajr l-ikel u għalhekk se jiġu trattati f'termini aktar ġenerali. Id-dettalji dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' din l-għodda ta' sorveljanza se jiġu żviluppati fis-segwitu tal-eżerċizzju attwali fl-2009. Fl-iżvilupp ta' din l-għodda, għandhom jitqiesu s-servizzi u t-tagħrif mogħtija mir-riżorsi pubbliċi u privati eżistenti għas-sorveljanza tal-prezz, fil-livell nazzjonali jew internazzjonali.

5.5. L-eżami tal-miżuri biex titnaffar l-ispekulazzjoni għad-detriment tal-operaturi kummerċjali fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli

Il-Kummissjoni tqis li hemm ħtieġa li jiġu evitati l-effetti li l-ispekulazzjoni eċċessiva għandha fuq il-prezzijiet tal-ikel. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li tali livell ta' volatilità bħal dak osservat matul l-aħħar xhur mhu ta' benefiċċju la għal produtturi u lanqas għall-konsumaturi. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se teżamina flimkien mar-regolaturi tas-swieq tal-komoditajiet u f'kuntatt mil-qrib ma' awtoritajiet regolatorji oħra li mhumiex tal-UE (b'mod partikolari l-Istati Uniti fejn iseħħu l-aktar skambji importanti), liema miżuri jistgħu jittieħdu biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli. Għal din il-ħidma l-Kummissjoni se tqis, kif xieraq, ir-riżultati tal-analiżi fil-fond li qed issir tal-qafas regolatorju u ta' sorveljanza li hu applikat għall-atturi prinċipali tas-suq finanzjarju, inklużi fondi ta' kopertura u ekwità privata, b'enfasi partikolari fuq ir-rekwiżiti kapitali, l-immaniġġjar tar-riskju u t-trasparenza. Il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattivi, kif xieraq, sas-sajf tal-2009.

6. KONKLUŻJONI

Il-varjazzjonijiet qawwija fil-prezzijiet tal-ikel u tal-komoditajiet agrikoli fi żmien ta' inċertezza kbira rigward il-perspettiva ekonomika juru l-ħtieġa ta' titjib fil-funzjonament tal-katina Ewropea tal-provvista tal-ikel bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza u l-kompetittività tagħha. Regolamentazzjoni aħjar u garanzija ta' nfurzar qawwi u koerenti tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur se jikkontribwixxu biex jillimitaw iż-żidiet fil-prezzijiet għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropej, b'mod partikolari l-familji bi dħul aktar baxx. Barra minn hekk, dan se jgħin ukoll biex tingħeleb il-frammentazzjoni preżenti tal-katina tal-provvista tal-ikel u jitneħħew l-ostakli artifiċjali għad-dħul għall-produtturi, li se jgħin biex il-konsumaturi Ewropej jibbenefikaw mill-aktar għażla wiesgħa possibbli ta' prodotti tal-ikel ta' kwalità. Barra minn hekk, dan jista' jgħin biex jinkiseb bilanċ mill-ġdid tas-saħħa tan-negozjar fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Din il-Komunikazzjoni tipproponi pjan ta' direzzjoni li għandu jiġi implimentat kemm fil-livell ta' Stat Membru kif ukoll f'dak tal-UE bl-involviment attiv tal-partijiet kollha rilevanti. Fuq il-bażi ta' dan il-programm ta' ħidma u tal-miżuri relatati, il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li tittieħed azzjoni ulterjuri u tipproponi li l-Kunsill Ewropew jeżamina mill-ġdid din il-kwistjoni f'Diċembru 2009.

Biex jinkiseb bilanċ mill-ġdid tal-provvista u d-domanda globali għall-ikel, għandhom jissaħħu l-isforzi biex jiġu stimulati r-riċerka u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u jinfetħu s-swieq internazzjonali. Titjib fil-kapaċità ta' aġġustament tal-produzzjoni agrikola permezz ta' orjentazzjoni akbar lejn is-suq flimkien ma' sistemi ta' sikurezza adegwati hija strumentali biex tiġi ffaċilitata r-reazzjoni tal-bdiewa għal kundizzjonijiet tas-suq aktar volatili. Billi approvat l-Eżami tas-Saħħa tal-PAK, l-Unjoni Ewropea ħadet passi deċiżivi f'din id-direzzjoni li se jgħinu lill-produtturi agrikoli biex iwieġbu aħjar għas-sinjali tas-suq u biex jibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda. Minħabba l-inċertezzi dwar l-evoluzzjoni tal-

prezzijiet tal-komoditajiet agrikoli, se tkun meħtieġa s-sorveljanza kontinwa tal-imġiba u l-prestazzjoni tas-swieq matul il-perjodu li ġej.